

Proċeduri ta' stralċ

Deċiżjoni biex jitnaqqas il-perjodu ta' validità tal-kuntratti tal-assigurazzjoni fir-rigward tal-korporazzjoni "International Insurance Corporation (IIC) NV"

(Pubblikazzjoni magħmula skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu 3:162 tal-Att Olandiż dwar is-Superviżjoni Finanzjarja)

(2010/C 239/05)

Kumpanija tal-assigurazzjoni	International Insurance Corporation (IIC) NV, INEAS u LadyCarOnline Entrada 123 1096 EB Amsterdam NEDERLAND
Id-data, id-dħul fis-seħħ u n-natura tad-deċiżjoni	<p>L-24 ta' Ġunju 2010, regolamenti ta' emerġenza ("noodregeling") (dawn diġà ġew ippubblikati - fl-4 ta' Awwissu 2010)</p> <p>L-4 ta' Awwissu 2010, deċiżjoni biex jitnaqqas il-perjodu ta' validità tal-kuntratti tal-assigurazzjoni (il-paragrafu 1(b) tal-Artikolu 3:195 tal-Att dwar is-Superviżjoni Finanzjarja). Il-kuntratti tal-assigurazzjoni se jintemmu fl-1 ta' Settembru 2010.</p> <p>Hemm bżonn li din id-deċiżjoni tiġi ppubblikata issa abbażi tal-paragrafu 5 tal-Artikolu 3:162 tal-Att dwar is-Superviżjoni Finanzjarja. Aħna nipproponu t-test li ġej:</p> <p style="text-align: center;"><i>"AVVIŻ IMPORTANTI GĦAL DAWK LI GĦANDHOM POLZA TAL-ASSIGURAZZJONI MAL-KUMPANIJA INEAS</i></p> <p>F'sentenza tal-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam tal-4 ta' Awwissu 2010, is-Sur M. Pannevis u s-Sur P.H.M. Versteeg, l-amministraturi tar-regolamenti ta' emerġenza tal-korporazzjoni msejja INTERNATIONAL INSURANCE CORPORATION (IIC) NV, li tinnegozja taħt l-ismijiet ta' "INEAS" u "LADYCAR ONLINE" u li għandha l-uffiċċji rreġistrati u l-uffiċċji tan-negozju tagħha f' Entrada 123, 1096 EB Amsterdam, ingħataw awtorizzazzjoni speċjali biex inaqqsu l-perjodu ta' validità tal-kuntratti tal-assigurazzjoni li l-IIC ikkonkludiet fil-kapaċità tagħha bħala kumpanija tal-assigurazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 195(1)(b) tal-Att Olandiż dwar is-Superviżjoni Finanzjarja (il-"Wet op het Financieel Toezicht"). L-amministraturi temmew il-poloż kollha tal-assigurazzjoni ta' INEAS skont din l-awtorizzazzjoni b'effett minn nofsillejl tal-31 ta' Awwissu 2010. Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok idħol fuq is-sit tal-internet rilevanti:</p> <p>http://www.ineas.nl http://www.ineas.de http://www.ladycaronline.de http://www.ineas.es http://www.ineas.fr</p>
Awtoritajiet kompetenti	Rechtbank Amsterdam
Awtorità superviżorja	De Nederlandsche Bank L-Imħallef superviżorju M.J.E. Geradts
Il-likwidaturi maħtura	Is-Sur M. Pannevis u s-Sur P.H.M. Versteeg Amstelveenseweg 638 1081 JJ Amsterdam NEDERLAND
Il-liġi applikabbli	Il-liġi Olandiża, il-parti 3.5.5. tal-Att Olandiż dwar is-Superviżjoni Finanzjarja